6 ta' Ġunju, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Camilleri *versus* George Buhagiar

## Ratifika — Komunjoni tal-Akkwisti — Mara — Art. 1273 tal-Kodiċi Ċivili

*It-twettieq, jew ratifika jistgħu jsiru taċitament, jiġifieri bl-eżekuzzjoni volontarja tal-obligazzjoni li kontra tagħha l-liġi tagħti l-azzjoni tar-rexissjoni, jew b'attijiet oħra li juru l-intenzjoni li jingħata effett għall-obligazzjoni.*

*Jekk mara miżżewġa tixtri xi oġġetti fil-kors taż-żwieġ mingħajr kunsens jew awtorizzazzjoni ta' żewġha, u ma tħallasx il-prezz ta' dawk l-oġġetti, u mbgħad tikkonsenjahom lill ħaddieħor, u r-raġel jagħmel kawża kontra minn ikun irċieva dawk l-oġġetti, u dan jagħmlu bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti, b'hekk huwa juri l-intenzjoni tiegħu li jirratifika l-akkwist li għamlet martu ta' dawk l-oġġetti; u kwindi,*

*f'kawża li fiha huwa jiġi azzjonat biex iħallas il-prezz ta' dawk l-oġġetti lil min biegħhom lill-martu, ma jistgħax jallega li huwa ma hux tenut iħallas dak il-prezz billi jallega illi huwa qatt ma xtara jew irċieva dawk l-oġġetti.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talab li l-konvenut jiġi minn din il-Qorti kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £34, bilanċ ta' £64, prezz ta' għamara lilu mibjugħa u konsenjati fis-16 ta' Lulju 1952. Bl-ispejjeż, u bl-imgħaxijiet ċivili skond il-liġi;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssottometta illi huwa qatt ma xtara jew irċieva għamara minn għand l-attur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi fid-dibattitu orali l-attur issottometta illi, anki jekk il-konvenut ma kienx jaf, u lanqas awtorizza lil Andreana Buhagiar, martu, takkwista l-oġġetti in kwistjoni, huwa rratifika l-operat tagħha, kif jidher fil-kawża fuq riferita fl-ismijiet "George Buhagiar vs. Domenico Fenech et.", fejn talab il-kundanna tal-miżżewġin Dimech li jikkunsinnaw lilu l-oġġetti li kienu rċevew minn għand martu Andreana (fosthom il-mobbli in kwistjoni), u fin-nuqqas iħallsu lilu l-valur ta' dawk l-oġġetti; u dan għaliex l-istess oġġetti parti kienu dotali jew parafernali, u parti akkwistati waqt iż-żwieġ tagħha mal-attur, żewġha;

Illi, kif jiddisponi l-art. 1273 tal-Kodiċi Ċivili, "it-twettieq jew ratifika jistgħu jsiru taċitament, jiġifieri bl-eżekuzzjoni volontarja tal-obligazzjoni li kontra tagħha l-liġi tagħti l-azzjoni ta' rexissjoni, jew b'attijiet oħra li juru l-intenzjoni li jingħata effett għall-obligazzjoni". Issa, billi fil-każ tagħna ma tirrikorrix l-eżekuzzjoni volontarja, jeħtieġ issir

l-indaġini jekk il-konvenut, bil-kawża fuq imsemmija, uriex l-intenzjoni li jirrinunzja għad-dritt li jimpunja x-xiri tal-mobbli in kwistjoni, magħmul minn martu;

Illi, kif jidher minn dik il-kawża, il-konvenut jirrikonoxxi li ż-żwieġ tiegħu ma' Andreana Buhagiar sar taħt ir-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti, u qiegħed jirreklama r-restituzzjoni jew il-valur tal-mobbli in kwistjoni bħala kap ta' dik il-komunjoni, peress li martu xtrathom matul iż-żwieġ. Dan ix-xiri sar għall-komunjoni, u qiesu sar mill-istess komunjoni; u billi ta' dik il-komunjoni l-konvenut huwa l-amministratur u l-kap, u, speċjalment quddiem it-terzi, huwa għandu l-istess poteri ta' proprjetarju (art. 1362(1) Kod. Civ.), ġuridikament għandu jitqies li x-xiri sar a benefiċċju tiegħu. Il-komunjoni tal-akkwisti mhijiex persuna ġuridika per sè stanti; iżda fil-kliem tal-Kassazzjoni Franċiża, ċitata minn Laurent, "il marito, costituito amministratore e sovrano, assorbe finchè essa dura la comunione nella sua persona". U qabel l-istess awtur jinnota illi "durante il corso della comunione il marito solo vien considerato quale proprietario di ciò che ne forma l'attivo sociale; egli solo è creditore, egli solo è debitore" (Diritto Civile, Vol. XXI, §197). U preċiżament bis-saħħa ta' din il-kwalità ta' proprjetarju, almenu rigward il-mobbli in kwistjoni, kunsidrati bħala akkwisti, il-konvenut Buhagiar qiegħed jirreklama r-restituzzjoni jew il-valur tagħhom;

Illi b'dan l-atteġġjament tiegħu l-konvenut wera li ried jagħti effett għax-xiri li għamlet martu; diversament mhux konċepibbli kif huwa qiegħed jippretendi li hu l-proprjetarju tal-oġġetti mixtrija;

Illi, ladarba huwa rratifika dak ix-xiri, huwa tenut għall-obligi derivanti minn dak ix-xiri, fosthom il-ħlas tal-prezz relativ (arg. art. 1396, 1441, u 1483 Kod. Ċiv.);

Illi, taħt dawn iċ-ċirkustanzi, l-eċċezzjoni tal-konvenut mhix sostenibbli; molto più li, meta ġiet minnu mogħtija

fid-29 ta' Settembru 1954, kienet ġa newtralizzata bir-ratifika derivanti mill-kawża fuq riferita, preżentata minnu fid-9 ta' Lulju 1954;

Illi, fil-meritu, l-attur xehed li hu biegħ l-għamara in kwistjoni bil-prezz ta' £64, u rċieva minn għand Andreana Buhagiar tliet pagamenti ta' £10 kull darba; u konsegwentement l-attur fadallu jieħu l-bilanċ mitlub fiċ-ċitazzjoni;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' t-talba tal-attur, bl-imgħax legali min-notifika taċ-ċitazzjoni; u bl-ispejjeż.